MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar

**Laqgħa Numru 35 – 4 Leġiżlatura**

**l-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2024**

Il-Kunsill Reġjonali fil-5.30 pm.

PREŻENTI FL-UFFIĊĊJU:

| | |
|---|---|
| President | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Viċi President Sindku Marsascala | Chev. Mario Calleja |
| Sindku Marsaxlokk | Is-Sur Stephen Grech |
| Sindku Marsa | Is-Sur Luke Farrugia |
| Sindku Gudja | Is-Sur Romeo Baldacchino |
| Sindku B'Buġia | Is-Sur Scott Camilleri |
| Sindku Zejtun | Is-Sinjura Joan Agius |
| Viċi Sindku Santa Luċija | Is-Sur Frederiick Cutajar |
| Kunsillier Ħal-Għaxaq | Is-Sur Stephen Attard |

| | |
|---|---|
| Kunsillier Ħamrun | Is-Sur Vincent Bonello |
| Kunsillier Ħal Qormi | Is-Sinjura Elke Sghendo |
| Kunsillier Ħal-Luqa | Is-Sur Jeffery Scicluna |

PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:

L-accountant tal-Kunsill -Sur Kevin Incorvaja

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ħadt

ASSENTI

Sindku Santa Venera -Is-Sur Gianluca Falzon

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Sa. Dulcie Gauci — Deputat Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Il-president is-Sur Jesmond Aquilina jippresjedi din il-laqgħa.

**35.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġija;**

35.1.1 Ma kienx hemm

**35.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

35.2.1 Il-President ressaq il-Minuti ta' tnejn u tletin (34) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali għal din il-leġislatura, li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

35.2.2 Wara mozzjoni mressqa mil-President Jesmond Aquilina u s-sekondat Kunsillier Vincent Bonello il-membri tal-Kunsill Reġjonali approvaw b'mod unanimu l-Minuti msemmija.

35.2.3 **Kunsiderazzjoni mill- Minuti**

**35.2.3.1 Programm mill-Għatba 'l barra**

Il-President informa li l-programm mill-Għatba 'l barra beda jixxandar fuq il-PBS u qed jinkludi nformazzjoni dwar it-tnax il-lokalita ta' Reġjun.

**35.2.3.2 Quiz**

Il-president informa li bdew jintbagħatu rikjesti lil skejjel sabiex jipparteċipaw u sa issa kien hemm risposta waħda u kienet f'negattiv. Huwa tenna li fejn ma jkunx hemm konkorrenza tintalab il-parteċipazzjoni ta' għaqdiet oħra.

**35.2.3.3 Il-korijiet internazzjonali fil-knejjes madwar ir-reġjun**

Il-president spjega li l-attività tal-korijiet tqassam il-programm ta' fejn ser ikunu il-korijiet. Huwa fakkar li Regjun ser iħallas għat-trasport tal-korijiet bejn il-lukandi u knejjes.

**35.2.3.4 Il-proġett caqlaq**

Il-President fakkar ntbagħtet imejl lil Kunsilli sabiex jiġu id-identifikati il-postijiet u qeda tinġabar l-informazzjoni

35.2.3.5 **European Network of Holyweek and Easter Celebrations**

Il-President informa li matul Ottubru infetħu hawn postijiet f'Żejtun u Ħal-Qormi bħala parti min European Network of Holyweek. Diversi persuni għamlu kuntatt mal-Kunsill sabiex iżuru dawn il-postijiet.

35.3 **Komunikazzjoni mill-president;**

35.3.1 **Tender tal-binja amministrattiva**

Il-President fakkar li tender relatat ma renovar tal-Binja Amministrattiva ta' Reġjun kienet tlestiet il-verifikazzjoni ta dokument min Dipartiment tal-kuntratti u ser jiġi ippublikat fil-25ta' Ottubru 2024

35.3.2 **Ġemellaġġ ma Provinċja fiċ-Ċina**

Il-President informa li kien Reġjun kien rċieva rikjest min Taiyuan City (Shanxi Province) sabiex issir ġemellaġġ ma din il-provinċja. Il-Kunsill qabel li tintbagħat espressjoni ta' interess lil Taiyuan City permezz ma rappreżentant f'dipartiment ta' l-affarijiet barranin

35.3.3 **Riżenja ta' Uffiċjal tal-maniġerjali tal-kultura**

Il-president informa li l- Uffiċjal tal-maniġerjali tal-kultura issottomettiet ir-riżenja sabiex tibda tokkupa ir-rwol ta' Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill ta' Santa Venera. Il-Kunsilliera staqsew jekk hux ser terġa tinħareġ sejħa għal rwol ta' maniġer tal-kultura. Il-President tenna li ser terġa tinħareġ is-sena dieħla

35.3.4 **Kors dwar is-saħħa u Sigurtà**

Il-President spjega li daħlu diversi liġijiet ġodda dwar il- is-saħħa u sigurtà fuq il-post ta' xogħol li qed jesiġu li jkun hemm persuna kwalifikata f'dan ir-rigward, għalhekk qed jiġi preżentat prospectus ta' kors ta' sentejn li qed ser issir Il-MCAST. Il-ħlas għal dan il-kors jqum 3500 euro.

Il-Kunsill qabel li President huwa il-persuna li għanda tattendi għal dan il-kors peress l-diġà għandu għarfin ta' dan is-suġġett.

35.4 **Skeda ta' Pagamenti;**

35.4.1 Il-President ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 09/24A-1 li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

35.4.2 Wara mozzjoni mressqa min proponent Sindku Romeo Baldacchino u sekondat il-ViċiSindku Frederick Cutajar Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija

**35.5 Rapporti**

**35.5.1 Rapport Finanzjarju Q3 2024**

Il-president ressaq ir-rapport ta' l-ewwel kwart tas-sena . Hu stieden lil accountant Sur Kevin Inkorvaja jagħti spjega tiegħu. Is-Sur Inkorvaja qal li dan rapport kien jirrifletti il-qada finanzjarja it-tielet kwart ta' sena.
Waqt li kien qed jiġi spjegat li spejjez relatati ma l-iskart, il-President spjega li ftit qabel il-laqgħa tal-Kunsill saret laqgħa mal-kuntrattur ta' l-iskart. Diversi Sindki u Kunsilliera resqu l-ilmenti tagħhom dwar is-servizz ta' l-iskart u li l-ispejjeż ta' l-iskart qed ikunu ta' piż kbir fuq il-kunsilli. Il-president sostna li qed issir min kollox sabiex jitjieb is-servizz. Rigward il-finanzi dawn qed ikunu ta' piż ukoll fuq ir-Reġjun u rati ġew imposta minħabba l-ispiża ta' tipping fees.
Il-kunsill approva rapport kif preżentat

**35.6 Item: Reżoluzzjoni -awtorizzazzjoni ta' Login Key tal-Bank għal użu amministrattiv**

Il-President informa li peress li xogħol ta' l-amministrazzjoni żdied b'mod sostanzjali kien qed jinħass li ssir Login key tal-Bank oħra għal użu amministrattiv.

Il-Kunsill qabel.

**35.7 Item: Proposta Skema Milied 2024**

Il-President informa li bi preparazzjoni għaż-żmien festiv tal-Milied, Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar qed jiproponi lill-Kunsilli fi ħdanu li proprju qed titnieda Skema ta' finanzjament b'għajnuna diretta għall-Milied 2024 maħruġa mill-istess Reġjun. Għal dan il-għan il-Kunsill Reġjonali ser ikun qed jalloka s-somma t'2000 Ewro lil kull Kunsill bħala fondi f'għajnuna diretta fuq waħda minn dawn l-inizjattivi indikati hawn taħt: • Tiżjin li jinkorpora fih it-toroq u l-ġonna pubbliċi, • Wirjiet ta' presepji, • Villaġġi tal-Milied u l-attivitajiet relatati magħhom, • Kompetizzjonijiet ta' wirjiet tal-presepji u faċċati tad-djar privati. • Tiżjin tal-Milied fuq binjiet pubbliċi bħal faċċati tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill Reġjonali ser ikun qed jilqa' l-proposti minn kull Kunsill fuq kull inizjattiva li ser tkun sottomessa. Is-sottomissjonijiet jinfetħu nhar l-1 ta' Novembru u jagħlqu nhar is-Sibt 30 ta' Novembru 2024. Importanti li ma' kull proposta jintbagħtu wkoll il-kwotazzjonijiet kollha marbuta ma' dawn il-proposti li ser jiġu sottomessi. Importanti ferm li kull kwotazzjoni sottomessa trid tkun bil-VAT inkluża. Wara li ssir l-evalwazzjoni fuq kull proposta li ser tintbagħat, kull Kunsill ser ikun infurmat dwar l-eżitu tagħha. Sussegwentement il-fatturi kollha relatati mal-ispejjeż akkumulati fuq kull inizjattiva jridu jkunu mibgħuta lir-Reġjun sa mhux aktar tard mill-aħħar ta' Jannar 2025 sabiex ikun jista' jsir ir-rimbors sa massimu t'€2000 Ewro mir-Reġjun. Ir-Reġjun qed jesiġi li tingħata

promozzjoni xierqa fuq il-midja soċjali tal-Kunsilli rispettivi u li permezz tagħha tingħata pubbliċità lil kull inizjattiva mtellgħa bl-għajnuna finanzjarja mogħtija mill-istess Reġjun.

Il-Kunsill approva dak li kien qed jiġi propost

**Affarijiet Oħra**

**35.8.1** Il-Kunsillier Vincent Bonello wera il-preokupazzjoni tiegħu dwar il-problema tal-ħammiem li hemm ġewwa il-Ħamrun.
Il-president informa li Reġjun kien qed jaħdem fuq forma ta' soluzzjoni u din l-informazzjoni kienet diġa ntbagħtet lil Kunsill. Kien hemm qbil li korrispondenza tintbagħat lil -Kunsillier Bonello.

**35.9 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;**

35.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.00 pm u ġiet aġġornata għal il-Ħamis 21 ta' Novembru 2024

Konfermati llum 21 ta' Novembru 2024___________________

Jesmond Aquilina
President

Mariella Strout
Segretarju Eżekuttiv